**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 922/2024**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Luke Sant Berry**

**Illum,5 ta' Settembru,2024**

Il-Qorti,

Rat li l-appellant, **Luke Sant Berry** detenur tal-karta tal-identita Maltija **202991M**, gie imressaq u akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-17 ta' Ġunju, 2023 għall-ħabta ta' bejn is-06:15pm u 6:20pm ġewwa Triq il-Mosta, in-Naxxar:

i. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli liema ħsara tammonta għal akar minn EUR 250 iżda anqas minn EUR 2,500 għad-dannu ta' Maria Berry;

ii. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.

Il-Qorti hija giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Maria Berry skont it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija toħroġ Ordni ta' Protezzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża jew individwi oħra skont l-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-4 ta' April 2024,fejn  illiberat lill-appellant, illum appellant, mill-ewwel (1) imputazzjoni filwaqt li sabitu ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u kkundannatu għal mitejn ewro (EUR 200) multa.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant, Luke Sant Berry  preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar fit-23 ta' April,2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. **TIKKONFERMA** dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel (1) imputazzjoni;

2. **THASSAR** u **TIRREVOKA** dik l-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u minflok tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

**A. Apprezzament tal-Provi**

2. Illi t-tieni imputazzjoni tirrigwarda l-ksur tal-bon ordni u l-paċi pubblika. F'dan ir-rigward primarjament jiġi rilevat li l-provi matul dawn il-proċeduri kienu aktar iffukati fuq l-ewwel imputazzjoni li affaċja l-appellant, u ċioe dik tal-ħsara volontarja, u li dwara ma ġiex misjub ħati;

3. Illi l-provi prinċipali f'dan il-każ kienu jikkonsistu fl-affidavit ta' PC 602 N. Tabone u r-rapport tal-pulizija li huma simili, ix-xhieda ta' Peter Caruana, ix-xhieda ta' Gail Berry u Maria Berry kif ukoll dik tal-appellant Luke Sant Berry u ommu Irene Sant;

4. Illi l-affidavit ta' PC 602 N. Tabone ftit li xejn jista' jitfa dawl fuq dan il-każ għaliex dak kollu mniżżel fl-affidavit tiegħu huwa biss dak li inizzjalment infurmatu bih il-*parte civile* Maria Berry u dak li qalulu l-persuni l-oħra meta

ġew mitkellma. Dan kollhu jikkostitwixxi *hearsay evidence* għaliex PC 602 N. Tabone ma kienx fuq il-post u għalhekk huwa ma jista' fl-ebda eventwalita' jikkonferma dak li seħħ;

5. Illi mbagħad fuq naħa waħda għandna ż-żewġ (2) xhieda prinċipali tal-Prosekuzzjoni u ċioe l-*parte civile* Maria Berry u bintha Gail Berry li hemm diskrepanżi kbar fix-xhieda tagħhom, liema l-Ewwel Qorti naqset li tevalwa, filwaqt li fuq in-naħa l-oħra għandek iż-żewġ (2) xhieda mressqa mid-difiża, l-appellant Luke Sant Berry u ommu Irene Sant, liema xhieda mhux talli kienet waħda kkorraborata, talli ħareġ biċ-ċar li kienu qiegħdin jgħidu l-verita';

6. Illi pero' l-prosekuzzjoni ressqet ukoll ix-xhieda ta' Peter Caruana li primarjament ix-xhieda tiegħu hija relatata mal-ewwel imputazzjoni li tagħha l-appellant , hawnhekk appellant, ġie lliberat minnha. Madankollhu, permezz ta' dan ix-xhud, li qiegħed jingħad li huwa xhud indipendenti, joħroġ nuqqas li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħrfu, u ċioe kemm ix-xhieda tal-*parte civile* u bintha m'għandhiex mis-sewwa, u dan kif ser jiġi spjegat f'dan l-umli appell;

**<u>Xhieda mogħtija minn Gail Berry</u>**

7. Illi l-Ewwel Qorti titlaq mill-ewwel billi tagħmel referenza għal dak li xehdet Gail Berry nhar l-24 ta' Ottubru, 2023, u ċioe billi tgħid hekk:

> *"Fuq l-imputazzjonijiet tixhed*
>
> *"<u>ghas-6:20 nisimghu l-bieb ta' barra t' ommi jitrieghed daqqiet ta' sieq, daqqiet ta' ponn</u>[1] bdejt nibza li dal-bieb ha jinfaqa <u>hrigna nittawlu minn fuq il-bejt</u>[2] <u>naraw lil Luke jissara u jaghti mal-bieb</u>[3] kien hemm ommu ezatti quddiem il-bieb tisstennih ilesti igifieri litteralment hemm thares lejh narawh hekk sejjer hekk mal-bieb u jiena cempilt lil pulizija biex jitnehha minn fuq il-post ghax konna jien ommi il-partner tieghi u zewgt it-tfal zghar bzajt." "*

8. Illi dan il-paragrafu li l-Ewwel Qorti ħasset il-bżonn li tagħmel referenza għalih huwa biżżejjed biex tagħraf li x-xhieda ta' Gail Berry ma kellha xejn mis-

[1] Sottolinear tal-appellant.
[2] Sottolinear tal-appellant.
[3] Sottolinear tal-appellant.

sewwa, u dan fuq tlett (3) punti li lkoll jinsabu fil-parti tax-xhieda li għadha kemm saret referenza għaliha;

9. Illi fl-ewwel lok f'dan ir-rigward jingħad li ġialadarba Gail Berry kienet ġewwa r-residenza t'omma, **hija setgħet biss tisma' ħsejjes** għax ma kinitx qiegħda tara. Għalhekk mal-wasla tal-appellant fuq il-post li ħabbat il-bieb, Gail Berry ma setgħetx tikkonkludi li t-taħbit li semgħet kienu daqqiet ta' sieq u ta' ponn;

10. Illi fit-tieni lok, Gail Berry tkompli tgħid li huma ħarġu jittawwlu minn fuq il-bejt;

11. Illi Gail Berry tgħid li telgħu fuq il-bejt fejn titkellem fil-plural, omma tgħid li ttawlet mill-gallarija. Fil-fatt, Maria Berry fix-xhieda tagħha mogħtija nhar l-24 ta' Ottubru, 2023 tgħid preċiżament dawn il-kliem: "*ittawwalt mil-gallarija u nara lil Luke ghax mil-gallarija tieghi jigi ezatt fuq il-bieb ta' barra*";

12. Illi għalhekk dan ifisser li għalkemm Gail Berry tagħti x'wieħed jifhem li raw lill-appellant minn fuq il-bejt, ommha Maria Berry tgħid li hija ttawlet mill-gallerija u mhux minn fuq il-bejt;

13. Illi fit-tielet lok, ġialadarba Maria Berry kkonfermat li fuq il-bieb ta' barra għandha gallerija, wieħed jikkonfondi kif Gail Berry setgħet minn fuq il-bejt tara lill-appellant iħabbat jekk eżatt fuq il-bieb hemm gallerija! Dan jgħodd ukoll għal dak li qalet Maria Berry li ttawlet mill-gallerija għaliex jekk il-bieb kien jinsab taħt il-gallerija huwa kemmxejn diffiċli li tara x'qed isir preċiżament taħt;

14. Illi għal dawn ir-raġunijiet jingħad li x-xhieda mogħtija minn Gail Berry assolutament m'għandhiex mis-sewwa u lanqas ma tikkorrabora x-xhieda ta' omma Maria Berry, nuqqas li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħraf;

**<u>Xhieda mogħtija minn Maria Berry</u>**

15. Illi fir-rigward tax-xhud Maria Berry, l-Ewwel Qorti tinnota minn dak li stqarret din ix-xhud li "*Kien hemm drabi fejn it-tifel kien ma jiflahx u mar xorta ghall-access.*" Minn din ir-rimarka biss, l-Ewwel Qorti setgħet tindaga u tara għalfejn din id-darba kienet differenti, jiġifieri r-raġuni għalfejn is-soltu l-minuri għalkemm ma jiflaħx kien imur ma' missieru iżda għal xi raġuni dakinhar tas-17 ta' Ġunju, 2023 ma kienx ser isir hekk. Ir-raġuni għal dan kollu

hija waħda sempliċi. Gail Berry sabiex tipprovoka lill-appellant bdiet tagħmel minn kollox sabiex l-appellant jispiċċa b'akkużi fil-konfront tiegħu, kif fil-fatt ġara, u fuq sejba ta' ħtija, wara li tkun ivvintat storja li huwa bniedem perikoluż, jiġi misjub ħati u tkun tista' tuża tali sentenza fi proċeduri oħra fil-konfront tiegħu;

16. Illi punt ieħor li jkompli juri l-provokazzjoni ta' Gail Berry fil-konfront tal-ex-raġel tagħha huwa wkoll fil-paragrafu tax-xhieda ta' Maria Berry li l-Ewwel Qorti għamlet referenza għalih fejn l-istess Maria Berry qalet:

> *"Xhud: . . . omissis . . . f ' hin minnhom habbat il-bieb u billi ma kontx qed nistenna ittawalt mil-gallarja u nara lil Luke ghax mil-gallarija tieghi jigi ezatt fuq il-bieb ta` barra u kien qieghed hemm, ghedt it-tifla ghedtilha hawn Luke qaltli hallih ghax it-tifel mhux se jmur il-bieb baqa` jhabbat ghax dak iz-zmien ma kellux qanpiena ihabbat ihabbat dan ihabbat il-bieb issa malli nohrog mil-kcina ghandi il-bieb ghal-isfel jigi quddiem il-bieb ta` barra u jien mil-bieb f`hin minnhom anka il-bieb minn naha ta isfel rajt id-dawl igifieri minn kien wara l-bieb li kont ghadni rajt mil-gallarija li huwa Luke u baqa` hemm ihabbat minn isfel il-bieb beda jinfetah bit-tahbit li kien qed isir fuq il-bieb."*

17. Illi kif jidher, Maria Berry titlaq tgħid li nstema' jħabbat il-bieb. Ma tgħidx li kien hemm tisbit kbir iżda minn kliemha jidher li kienet taħbita normali kif wieħed iħabbat fuq bieb. Dan jikkuntrasta max-xhieda mogħtija minn Gail Berry li tagħti x'tifhem li mal-wasla tiegħu, l-appellant beda jsabbat b'kemm kellhu saħħa;

18. Illi Maria Berry tgħid li meta semgħet il-bieb iħabbat, hija ttawlet mill-gallarija, u mhux minn fuq il-bejt bħal ma qalet Gail Berry. Mill-gallarija hija rat lill-appellant. Maria Berry tkompli tgħid li l-gallarija li ttawlet minnha tiġi eżatt fuq il-bieb ta' barra. Din ukoll hija kemmxejn diffiċli li titwemmen għaliex jekk gallarija tinsab preċiżament fuq il-bieb ta' barra, huwa impossibbli li tara x'qed isir taħtha!;

19. Illi Maria Berry tkompli tgħid li nfurmat lil bintha li kien hemm l-appellant u li bintha Gail Berry qaltilha ħallih għax it-tifel ma kienx ser imur għall-aċċess. Għalkemm is-sens komun jgħidlek li la l-bniedem li hemm iħabbat ikun

wieħed li taf, inti tiftaħlu jew tal-anqas, la kellek il-gallarija, tkellmu minnha, Gail Berry tat struzzjonijiet lil ommha biex lill-appellantt tħallih, sempliċi, biex tkompli tipprovokah u b'hekk tkun tista' tilħaq l-iskop tagħha;

20. Illi Maria Berry tgħid li bit-taħbit tal-appellant, il-bieb beda jinfetaħ. Hija ferm diffiċli li din titwemmen għaliex jekk bieb beda jaqla' t-tisbit li indikat il-*parte civile* Maria Berry, dan żgur li kien jinkiser u biex tipprova dan kollhu l-aqwa prova kienet tkun ritratt tal-bieb li juru d-daqqiet u l-ksur biex b'hekk forsi kien jitwemmen l-ammont ta' taħbit u tisbit li ħabbat bihom l-appellant. Dan kellhu jiġi ampjament innutat mill-Ewwel Qorti iżda naqset li tikkunsidrahhom;

21. Illi l-Ewwel Qorti tkompli tikkwota dan li ġej:

| | |
|---|---|
| *Avu:* | *U kif ghax inti qed issejahhlu tahbit x`tip ta tahbit?* |
| *Xhud:* | *Hekk uu thabbat ghax qanpiena ma kelliex b`hekk kienu ihabbtuli fuq il-bieb ifhem thabbat il-bieb tiftah mhux problema ta xejn imma jien bdejt nibza ghedt li l-bieb ha jinqalgha ghax m`ghandix xi lock it dint really have a hard back anyway, it-tifla qaltli tikkonfondi xejn ha ncempel il- pulizija jiena qadt fit-tarag u l-bieb hekk quddiemi il-bieb ta barra hekk u l-pulizija gew u kont qed nisma smajtu jkelmu lil Luke u mbaghad x`hin rega habbat il-bieb il-pulizija qalli sinjura jien a l-pulizija iftah jien ma ftahtx mal-ewwel ghaliex."* |

22. Illi Maria Berry tgħid li qanpiena ma kellhiex. Mela allura dan ifisser li l-appellant bilfors kellhu jħabbat għaliex ma kellu l-ebda alternattiva oħra kif juri li huwa kien wasal. Maria Berry tkompli tgħid li jekk iħabbat il-bieb tiftaħ mhux problema. Pero' hawnhekk Maria Berry qiegħda tikkontradixxi lilha nfisha għaliex minkejja kliemha, meta l-appellant effettivament wasal fuq il-post u ħabbat, hija ma fetħitx;

23. Illi meta Maria Berry kienet mistoqsija x'tip ta' taħbit ħabbat l-appellant mill-avukat tagħha stess, hija tgħid "*hekk uu tħabbat*". Li kieku kien minnu li l-appellant beda jsabbat tant li kkawża ħsarat estensivi lill-bieb ta' barra, kif tiġi mistoqsija din il-preċiża domanda, **Maria Berry ma kienitx tuża l-kelma tħabbat imma tgħid tisbit kbir**;

24. Illi x-xhud tgħid li dan it-tisbit kollu kkawżalha ħsara fil-bieb ta' barra. F'dan ir-rigward hemm diversi punti x'jitqajmu u li lkoll juru kemm Maria Berry ippruvat tqarraq bil-Qorti u bil-ġustizzja;

25. Illi wara s-17 ta' Ġunju, 2023, Maria Berry għaddiet stima tal-ħsarat lill-pulizija li kienet tammonta għal erba' mija u disgħin ewro (EUR 490) maħruġa minn Peter Caruana. Fis-seduta ta' nhar l-24 ta' Ottubru, 2023, propju erba' (4) xhur wara, ġialadarba dan il-bieb ġarrab il-ħsarat kollha li tenniet il-*parte civile* minħabba t-tisbit li allegaw hi u bintha, wieħed kien jistenna li Maria Berry tipprovdi ritratt tal-ħsarat sabiex b'hekk kienet tingħata stampa ċara lill-Ewwel Qorti ta' kemm fil-fatt "sabbat" l-appellant;

26. Illi mix-xhieda ta' Peter Caruana ħareġ li l-istima kienet maħruġa minnu iżda fl-ebda ħin ma qal ra il-bieb in kwistjoni. Dan ix-xhud ikompli jgħid li hu m'għamilx tiswijiet fil-bieb filwaqt li Maria Berry tgħid li sewwiet biss is-serratura. Mela allura ix-xhud Peter Caruana fid-dawl ta' dawn in-nuqqasijiet kollha, x'kien eżatt l-iskop tiegħu? Wieħed kien jistenna li tal-anqas jekk inbidlet is-serratura, kien ikun hu li jgħid li bidel is-serratura, imma lanqas dan ma seħħ;

27. Illi allura wieħed ma jistax ma jistaqsix kif l-Ewwel Qorti setgħet tkun moralment konvinta li din ix-xhud kienet qiegħda tlissen il-verita' sagrosanta. Mhux talli hekk, talli mix-xhieda tagħha tidher li anke b'dik l-Ewwel Qorti stess ippruvat tqarraq. Li kieku Maria Berry kienet qiegħda tgħid il-verita', dakinhar li xehdet kienet tgħid u tissusstanzja minn rajha li kull ma kien sar huwa li sempliċiment ibidlet is-serratura, liema serratura lanqas biss bidilha minn ħareġ l-istima tal-ħsarat stess;

28. Illi punt ieħor huwa li filwaqt li s-serratura tal-bieb tar-residenza ta' Maria Berry kienet waħda antika li tingħalaq biċ-ċavetta, żgur u mhux forsi hija ppruvat tramite l-ewwel qorti tapprofitta mill-appellant billi fl-istima ġie mniżżel, u dan ikkonfermah ukoll Peter Caruana, li s-serratura li kienet ser tiġi mixtrija kienet dik tal-mottura li hija kompletament differenti kemm fl-għamla u anke fil-prezz. Dan il-fatt ħareġ meta ġiet mistoqsija sabiex telabora fuq dan il-fatt mill-avukat tad-difiża u mhux ġie indikat deliberament mix-xhud Maria Berry;

29. Illi Maria Berry fl-aħħar tax-xhieda tagħha tgħid li l-appellant fl-ebda ħin ma tenna xi diskors iżda biss ħabbat fuq il-bieb, s'intendi għax dak kien l-unika

mod li seta' juri li kien fuq il-post. Li kieku l-appellant kien fil-furja li jgħidu li kien fiha Maria Berry u bintha Gail Berry, ma naħsibx li kien ser jinstema' biss taħbit iżda probabbilment bla ma wieħed ikun irid waqt li jkun mitluf f'tisbit sfrenat huwa jgħajjat il-kliem "*iftaħ*". Għalhekk dan ma tantx jista' wisq jitwemmen;

30. Illi in vista ta' dan kollhu, jingħad li din hija kollha *mise-en-scène* da parti tal-*parte civile* Maria Berry u bintha Gail Berry sabiex tinstab ħtija fl-appellant. Għalhekk ix-xhieda ta' Maria Berry u Gail Berry kif ġie spjegat, l-ewwel qorti kellha tagħraf li ma kellhomx mis-sewwa;

31. Illi sabiex toħroġ il-verita' kollha, l-aqwa prova li kellha tiġi mressqa mill-prosekuzzjoni, u li kienet tkun waħda indipendenti mill-agenda tal-*parte civile*, kienet l-uffiċjali tal-pulizija li rrikorrew fuq il-post;

32. Illi l-ewwel qorti tagħmel referenza għax-xhieda tal-appellant li tgħid hekk:

> *"Xhud: Jien mort qadt inhabbat ghamilt xi 20 minuta inhabbat ghalkemm kienu kollha hemm ghax il-karozzi kienu kollha hemm hadd ma kellimni minnhom u **fis-sew u lhin**[4] nara 3 pulizija gejjin ghalija 3 irgiel."*

33. Illi l-kliem "*fis-sew u lhin*" juru li l-appellant ma kienx jaf li ġejjin il-pulizija fuq il-post u l-ħin li kienu ser jaslu fih. Għalhekk dawn l-uffiċjali tal-Pulizija kienu jkunu x-xhieda ideali sabiex jikkonfermaw minn mix-xhieda kollha kien qiegħed jgħid il-verita'. Mill-preżenza tagħhom fuq il-post huma kienu kapaċi jindikaw kif kien il-komportament tal-appellant x'taħbit kien qed iħabbat, jekk kienx qiegħed jagħmel l-istorbju u l-kundizzjoni li kien fiha l-bieb;

34. Illi għal din ir-raġuni qiegħed jingħad li l-aqwa provi f'dawn il-proċeduri ma ġietx imressqa mill-Prosekuzzjoni liema nuqqas kellha tinġibed l-attenzjoni tiegħu mill-ewwel qorti;

35. Illi jiġi rilevat li dawn il-proċeduri jinsabu fil-kamp kriminali fejn l-oneru tal-prova li jrid jintlaħaq huwa dak 'lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. L-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tagħmel referenza għas-sentenza **Il Puliizja**

[4] Sottolinear tal-appellant.

**vs Peter Ebejer**, - deċiża fil-5 ta' Diċembru, 1997, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) qalet illi:

*"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz "Miller v. Minister of Pensions" [1974] 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";*

"*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice" (373-374).";*

36. Illi qed issir referenza għas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, deċiża fl-1 ta' Diċembru, 1994, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali tenniet:

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il- Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l- apprezzament . Biex din il-Qorti , kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju tal-gurati , trid tkun konvinta li l- istess ma setghux , taht ebda cirkostanza ragjonevoli , jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

37. Illi fis-sentenza mogħtija nhar it-30 ta' Settembru, 2021 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-isemijiet **Il-Pulizija vs. Jean Paul Chetcuti**, dik l-Onorabbli Qorti

indirizzat il-kredibilita' tax-xhieda u l-aqwa prova li għandha tressaq il-Prosekuzzjoni fejn qalet dan li ġej:

> *10. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-appellant kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:*
>
> > *id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*
>
> *11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess.*

38. Illi dik l-Onorabbli Qorti tkompli tgħid:

> *13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil- gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.*

39. Illi għalhekk a bażi tan-nuqqasijiet eżistenti fix-xhieda tal-*parte civile* Maria Berry u bintha Gail Berry, il-prosekuzzjoni ma setgħet fl-ebda stadju tilħaq l-*oneru* tal-prova mitlub fil-kamp kriminali. Barra minn hekk, l-aqwa prova possibbli u disponibbli, u ċioe tal-uffiċjali tal-Pulizija hija wkoll nieqsa;

**<u>It-Tieni Imputazzjoni</u>**

40. Illi meta l-Ewwel Qorti tibda sabiex tindirizza din l-imputazzjoni, hija tagħmel referenza għall-messaġġi skambjati bejn Gail Berry u l-appellant. Dawn m'għandhom l-ebda relevanza għal din l-imputazzjoni għaliex din l-imputazzjoni titratta dwar il-ksur tal-bon-ordni u l-paċi pubblika;

41. Illi l-Ewwel Qorti tkompli tgħid li din l-imputazzjoni ġiet ippruvata għaliex l-appellant u ommu Irene Sant jgħidu li l-appellant għamel ħin iħabbat. Bid-dovut rispett, l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tasal għal tali konvinċiment fid-dawl tan-nuqqasijiet fix-xhieda tal-parte civile u bintha. Barra minn hekk, li wieħed iħabbat fuq residenza ta' xi ħadd ieħor m'huwiex reat;

42. Illi matul dawn il-proċeduri lanqas ma ġie ppruvat il-livell ta' taħbit mill-appellant. Għalhekk l-appellant jinsab perpless kif l-Ewwel Qorti setgħet tkun moralment konvinta li huwa kiser il-bon ordni bit-taħbit li ħabbat fuq il-bieb tar-residenza ta' Maria Berry. Il-fatt li kemm l-appellant u anke ommu kkonfermaw li l-appellant ħabbat juri kemm huma qalu l-verita' għaliex fil-fatt l-appellant ħabbat, fatt li ma jistax jiġi nnegat. Madankollhu, kif diġa ngħad, li wieħed iħabbat ma jikkostitwixxix ksur tal-paċi pubblika;

43. Illi jekk sempliċiment bniedem iħabbat, u qiegħed jingħad li ma kien hemm ebda taħbit kbir, iżda taħbit normali, ser jibda jikkosistitwixxi ksur tal-paċi pubblika, mela allura bl-istorbju li jkollna fit-toroq tagħna u wara l-bibien tar-residenzi taċ-ċittadini Maltin, kulħadd jista' jibda' intavola r-rapporti kontra kulħadd għaliex jiġi allegat li nkisret il-paċi publika u l-bon-ordni;

44. Illi fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Rocco D'Alessandro</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-20 ta' Mejju, 2013 intqal dan li ġej bir-rigward tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

*Naturalment huwa kwazi impossibbli li wieħed jiddeċiedi apriorístikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull kaz għar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku.*

*Kif jgħid awtur ieħor Skoċċiż, Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tiegħu 'The Criminal Law of Scotland' (Edinburgh, 1978):*

*'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on*

*breach of the peace can be regarded as an authority of general application' (p.985, para. 41- 01).*

*U aktar 'il quddiem l-istess awtur jghid: ' Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance' (p. 986, para. 41-01).*

*Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet* **<u>Il-Pulizija v. Joseph Spiteri</u>** *deciz fl-24 ta' Mejju 1996, din il-Qorti diversament presjeduta żiedet tgħid hekk:*

*"Il-Qorti hawnhekk tixtieq tippreciza a skans ta' ekwivoċi li l-kuncett ta' 'breach of the peace' kif abbraccjat fl-Iskozja huwa aktar wiesa' minn kif gie interpretat mill-qrati Inglizi. Fi kliem Jones u Christie fil-ktieb taghhom 'Criminal Law' (Edinburgh, Sweet & Maxwell, 1992), b'referenza għal-liġi Skoċċiża in materja:*

*'While the major part of the criminal law of Scotland could indeed be expressed in some facile, breach-of the-peace- type phrase, such as 'doing things (or refraining from doing things) which cause, or could reasonably cause alarm or disturbance', this would lead inevitably to complete uncertainty as to what exactly the law did prohibit. At present there is considerable uncertainty as to what breach of the peace itself properly covers; and it would thus be most unwelcome to extend that uncertainty by enlarging the scope of breach of the peace at the expense of other, fairly well defined offences. But this is, of course, something of a vicious circle. It is precisely because breach of the peace has become so ill-defined that it has proved possible for it to stray into fields occupied by other offences. The only way to halt this process is for breach of the peace to be defined in a clearer and more limited fashion than is currently the case. Regrettably, however, there is little indication that this is likely to be so' (p. 295).*

*Il-kuncett Ingliz ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il- Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, gie spjegat mill- Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk:*

*'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell . Watkins L.J. said:*

*'Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182).*

*Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bħala regola, ikun hemm il- kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba c-cirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew appellant) dwar l- inkolumita` fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita` ta' reazzjoni għal dak l-għemil. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi jridu jkunu tali li oġġettivament inisslu l-imsemmi nkwiet jew tħassib.'*

*Il-Qorti kkwotat minn din is-sentenza 'in extenso' għaliex l- ispjegazzjoni mogħtija tista' tgħin biex il-Prosekuzzjoni tkun tista' tiddeċiedi aħjar meta għandha tagħti din l-imputazzjoni u meta le.*

*Minn dan il-każ jirriżulta li l-prinċipju li Qorti għandha ssegwi biex tara jekk kienx hemm ksur tal-ordni pubbliku huwa jekk mill-atti jirriżultax xi għemil volontarju li minnu nnifsu jnissel xi minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna dwar l-inkolumita' fiżika ta' persuna jew proprjeta'.'*

45. Illi a bażi ta' din is-sentenza jingħad li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tasal biex issib lill-appellant ħati tagħha għaliex mill-għemil volontarju tiegħu huwa ma nissilx inwkiet jew tħassib dwar l-inkolumita' fiżika tal-persuna u l-propjeta' għaliex meta Maria Berry staqsiet lil bintha Gail Berry tiftaħx lill-appellant, hija sempliċiment qaltilha biex tħallih. Din it-tweġiba tfisser li l-appellant ma kienx ta' nkwiet kbir għal Gail Berry u tkompli wkoll tenfasizza kemm dan l-allegat inċident kien kollhu *mise-en-scène* biex tinstab ħtija fl-appellant;

**B. <u>Nullita' tal-Ordni ta' Protezzjoni</u>**

46. Illi fid-decide u sewwa sew fl-aħħar paġna tas-sentenza li lanqas biss hija enumerata, l-Ewwel Qorti tordna li "*tinhareg Ordni ai termini tal-Artikolu 412 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema Ordni tifforma parti integrali ta din is-*

*sentenza.*" Fil-paġna ta' wara mbagħad issegwi l-Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

47. Illi f'dan ir-rigward, fl-ewwel lok jingħad li "l-Artikolu 412C" ma jeżisti imkien fil-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqsant ir-referenza li saret mill-Ewwel Qorti fid-decide hija għal kollox erroneja;

48. Illi fit-tieni lok jiġi rilevat li filwaqt li fid-decide l-Ewwel Qorti ordnat li tinħreġ Ordni ta' Protezzjoni ai termini "tal-Artikolu 412C", fil-fatt l-ordni li nħarġet hija dik ai termini tal-Artikolu 412Ċ u għaldaqstant hemm diskrepanza;

49. Illi l-Qrati ta' Malta huma l-għola istutizzjoni tal-pajjiż fejn żbalji ta' din ix-xorta m'għandhomx isiru. Il-lingwa prinċipali tal-Qrati ta' Malta hija dik Maltija. Ġialadarba l-proċeduri jkunu ġew immexxija bil-Malti, mela allura kwalunkwe referenza għall-artikolu mil-liġijiet ta' Malta għandha tkun għall-verżjoni tal-liġijiet applikabbli bil-lingwa Maltija li tagħmel użu mill-alfabett Malti u mhux tal-alfabet Ingliż;

50. Illi għal dawn ir-raġunijiet, l-appellant qiegħed jirrileva li l-Ordni ta' Protezzjoni hija nulla u bla effett għaliex fid-decide l-Ewwel Qorti għamlet referenza erroneja għall-artikolu li fil-fatt applikat;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata fl-atti ta din il-kawza nhar 9 ta' Lulju 2024 (fol. 70).

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u cioe dan l-appell fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2024.

**Ikkunsidrat**.

Illi fl-ewwel lok l-appellant jistqar li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti kif migbura u wara ghadda sabiex jiccita mix-xhieda li nstemghet quddiem l-ewwel Qorti kemm fir-rigward ta' l-ewwel akkuza kif ukoll fir-rigward tat-tieni akkuża. Jingħad li f'dan il-każ l-Avukat Ġenerali ma ippreżenta l-ebda appell u ghalhekk l-appell li din il-Qorti ghandha tqies huwa dak biss limitat ghal ksur ta' paci pubblika kif dispost fl-artikolu 338 (dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex huwa ma instabx hati ta' l-ewwel akkuza u gie lliberat minnha.

Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[5]

Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[6] intqal:-

---

[5] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta'
Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter,
14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta
v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991

[6] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004;

*'kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.'*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni taddeċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[7]

---

Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.
Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li
Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk ilverdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju IrRepubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[7] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[8]

---

[8] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta'
Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

L-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha tifli u tezamina mill-gdid lix-xhieda li nstemghet quddiem l-ewwel Qorti u dan sabiex tara jekk l-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti kienx wiehed *safe u satisfactory.*

Rat l-affidavit ta' **PC 602 N Tabone** esebit fl-atti a fol. 3. Spjega li nhar is-27 ta' Gunju 2023 Maria Berry kienet irraportat l-ghassa tan-Naxxar li nhar is-17 ta' Gunju 2023 ghall-habta tas-6.16/ 6.20 kien mar l-appellant li jigi l-ex ragel tat-tifla taghha fejn dan habbat fuq il-bieb '298 Marberry, Triq il-Mosta, Naxxar' u wara li kien habbat bdiet tizdied il-forza u Maria stqarret li Luke beda jaghti bis-sieq fuq il-bieb u b'hekk spicca ikkawza hsarat fuq il-bieb u fuq il-lock. Il-Pulizija kienet tkellmet ma' Luke wara li kien telaq minn fuq il-post. Maria kkonfermat li dakinhar tal-allegat incident ma kellmitux. Din Maria ipprovdiet stima tal-hsarat li sofriet fuq il-bieb fl-ammont ta' €490 li giet redatta minn Peter Caruana. Il-hsarat jinkludu xoghol li kellu jsir fuq il-

---

Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991. 4 Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

bieb ta' barra, serratura tal-ghamla Mottura (€180), iffittjar tas-serratura ( €80), xoghol ta' xkatlar u lostru tal-bieb €230).

Jghid li dwar dan ir-rapport hemm xhieda Gail Berry u Brian Paul Avellino. Il-pulizija tkellmet ma' Gail Berry u din stqarret li nhar is-17 ta' Gunju, 2023 ghall-habta tas-6.20p.m missier it-tifel mar ihabbat u jsabbat mal-bieb ta ommu u wara li kienet infurmatu ghal-habta tal-4.00p.m li t-tifel taghhom kien ma jiflahx u ghalhekk l-access li hu volontarju ma kienx ser jkun possibli jigi ezercitat. Gail qalet li pero gieli tatu t-tifel meta kien ikun ma jiflahx izda kient ittieh il-mistura mieghu sabiex ma ccahdux milli jara lil ibnu. Spjegat li kien ghad m'hemmx digriet mahrug mill-Qorti dwar il-modalita tal-access. Gail kompliet tghid li x'hin rat li baqa' jinsisti u li kkawza biza lilha, lill-ommha u lit-tfal cemplet l-ghassa tan-Naxxar biex inehhuh minn fuq il-post u dan wara li kien ilu jippersisiti ghal madwar 20 minuta.

Tghid li kienet fuq il-bejt fit-tieni sular u rat kollox pero qatt ma kelmitu. Stqarret li rat lill-appellant ihabbat fuq il-bieb jaghti bis-sieq kif ukoll kellu xi haga f'idu li beda ihaffer il-bieb u kien hemm ommu qed tarah u ma ghamlet xejn biex twaqqfu. Tghid ukoll li ghamlet rapport mad-division tad Domestic Violence.

Brian Paul Avvellino ukoll gie mitkellem minnu u dan qal li ghall-habta tas-6.20 p.m missier it-tifel ta' Gail mar ihabbat u jsabbat mal-bieb ta' ommha. Qal li rah ihabbat fuq il-bieb u jaghti bis-sieq kif ukoll kellu xi haga f'idu u beda ihaffer il-bieb biha. Jghid li kien fuq il-bejt fit-tieni sular u ra kollox pero qatt ma kellmu. L-ex partner ta' Gail l-appellant mar flimkien ma' ommu b'karozza Toyota Passo abjad u dan kien ipparkjat quddiem ir-residenza ta' omm Gail.

Nhar is-27 ta' Gunju 2023 ghall-haba tat-8.13 irraporta l-appellant fejn gie spjegat ir-rapport li kien sar fil-konfront tieghu. Gie moghti id-drittijiet legali tieghu pero stqarr li kellu jaghti l-verzjoni tieghu. Jikkonferma li kien ircieva message minghand Gail fejn qaltlu li t-tifel Justin kien marid u ghalhekk ma setax imur mieghu. Din grat kemm il-darba anke fil-jum tal-Mother's Day fejn ma kien qal xejn biex jghaddi l-jum ma ommu. Pero dakinhar tas-17 ta' Gunju 2023 kien Father's Day u dan kien anke gie miftiehem quddiem il-medjatur. Huwa ghalhekk wegibha li ma kienx minnu li Justin kien ma jiflahx u qallha li kien ser imur bhas-soltu. Ghal habta tas-6.00p.m mar

quddiem id-dar ta' omm Gail u habbat i-bieb biex tiftahlu u ghamel madwar kwarta fuq l-post u kien hemm il-karozzi taghhom quddiem il-bieb u wara marru l-pulizija. Ikkonferma li jum it-tlieta ta' wara Gail kienet tatu access ghat-tifel bhas-soltu. Huwa cahad li ghamel xi hsara fuq il-bieb. Jghid li meta marru l-pulizija fuq il-post talbuh biex jitlaq minn hemm.

Il-pulzija tkellmet ukoll ma' Irene Sant omm l-appellant u din stqarret li nhar is-17 ta' Gunju 2023 ghall-habta tas-6.15/6.20 p.m kient ipparkjata quddiem il-bieb ta' barra ta' omm Gail fejn tmur frekwentement biex tigbor it-tifel tal-appellant. Cahdet li binha uza xi forza fuq l-bieb t' barra jew li ta xi daqqiet ta' sieq gol-bieb izda kull ma ghamel kien li habbat il-bieb normali u stennew u rega habbat u stqarret li damu madwar kwarta quddiem il-bieb.

Rat l-okkorrenza esebit fl-atti a fol. 14 mmarkat bhala Dok B redatt min-n PC 602 fejn hemm rapportat dak kollu li stqar ix-xhud PC 602 Nicolar Tabone Borg fl-affidavit tieghu.

Rat ix-xhieda ta' **Mary Berry** moghtija nahr l-24 ta' Ottubru 2023 *viva voce* quddiem l-ewwel Qorti. Ikkonfermat li hija tghix fil fond 'Murberry Mosta Road, Naxxar.' Tghid li dakinhar tal-allegat incident kienet marret shopping u waslet id-dar. It-tifel ta' bintha, Justin Sant Berry kien ma jiftlahx kellu id-diarhea. Qalet li bintha Gail u bintha Justin kienu qed jghixu maghha minn meta bdiet il-proceduri ghas-separazzjoni minn ma zewgha l-appellant. Dakinhar tas-17 ta' Gunju 2023 wara nofsinhar staqsiet kif kien it-tifel Justin u ommu qaltilha li kien ghadu ma jiflahx u staqsietha jekk kienx sejjer ma missieru ghaliex is-soltu it-tifel imur ma' missieru jum is-Sibt jew il-Gimgha ghalkemm gieli mar meta ma kienx jiflah.

F'hin minnhom habbat il-bieb u billi ma kienet qed titenna lil hadd ttawlet mill-gallerija u rat lil Luke u qalet lit-tifla li kien hemm Luke wara l-bieb. Bintha qaltilha sabiex thallieh ghaliex ma kinitx ser tibghat lil Justin. Dan baqa' hemm wara l-bieb ihabbat u ihabbat. Tghid li l-bieb beda jinfetah mit-tisbit. Qalet li hasbet li kien ser jaqla' l-bieb ghaliex ma kellhiex xi lock b'sahhitha. Bintha qaltilha li kienet ser iccempel lill-Pulizija. Meta waslu l-pulizija semghethom jitkelmu ma Luke. Hija fethet

il-bieb u rat li l-bieb kien imhaffer fin-naha fejn hemm ic-cavetta. Qalet li l-bieb ma setghax jinghalaq sew.

Mistoqsija jekk tgharafx lill-appellant tghid li tafu bhala ir-ragel ta bintha. Tghid li dakinhar l-appellant ma qal xejn me tkellimx -L-istorbju kien biss it-tahbit. Tghid li l-lock li kellha fuq il-bieb kienet l-antika tac-cavetta u l-bieb tghid li s-sewwa bicca biss.

**Peter Caruana** xehed nhar l-24 ta' Ottubru 2023 u spejga li kien hareg l-istima esebita fl-atti datata 25 ta Gunju 2023 fl-ammont ta' €498. Jghid li fl-ebda hin ma ghamel ix-xoghol reparatorju. Min naha tieghu ma kein sar xejn iktar.

Rat ix-xhieda ta' **Gail Berry** moghtija nahr l-24 ta' Ottubru, 2023 u kkonfermat li l-appellant huwa l-ex ragel taghha u fil-present tinsab ghaddejja minn proceduri ghas-separazzjoni personali minn mieghu. Tghid li nhar is-17 ta' Gunju 2023 ghall-habta tas-6. 20p.m l-appellant mar wara l-bieb ta' ommha, Mary Berry fejn kienet qed tirrisjedi hi ma' binhon Justin gewwa in-Naxxar. Dakinhar tghid li binhom kien ma jiflahx bid-diarrhoea u ghalhekk baghtet messagg lill-missieru l-appellant u qatlu biex ma jmurx jigbor it-tifel ghax ma kienx jiflah. Huwa ma emminhiex. Ghal habta tas-6.20 tghid li semghet il-bieb ta' barra jitrieghed bid-daqqiet ta' sieq u ta' ponn li kien qala'. Hasbet li kien ser jitfa' l-bieb gewwa. Qalet li hargu jittawlu minn fuq il-bejt u raw lill-appellant jaghti mal-bieb u ommu kienet ezatt quddiem il-bieb tistennieh, thares lejh. Hija cemplet lill-Pulizija biex inehhu minn fuq il-post. Tghid li bezghet minn l-appellant u d-dar kienu hi, ommha binha u l-partner taghha. Mistoqsija jekk il-pulizija waslux fuq il-post tghid li iva u nehhewh minn hemm.

**Irene Sant** xehdet u spejgat li bhas-soltu marret tigbor lit-tifel Justin li jigi bin l-appellant. Tghid li l-appellant nizel mill-karozza biex ihabbat mal-bieb u tghid li martu baghtitlu messagg biex jerga lura ghax ma kienitx ser ittieh lit-tifel. Il-message ma ratux izda binha qallha li ma kienx minnu li kien ma jiflahx ghax is-soltu meta ikun ma jiflahx ithulu xorta bil-medicina. Tghid li bintha habbat il-bieb u stennew wara l-bieb. Dam ihabbat ghaliex minkejja li kienu gewwa ma fethulux. Fil-hin gew tlett pulizija u tkellmu bejniethom u ma tafx x'qalu ghaliex hija kienet fil-karozza ma zewghha. Qalet li binha habbat mal-bieb u forsi habbat b'iktar sahha maz-zmien sabiex jismawh. Izda risposta ma kellhomx. Tghid li huma marrux ghal xi

sodisfazzjoni izda ghax kienu jafu li l-omm kienet qed tigdeb ghax it-tifel ma kienx vera marid. Dakinhar kien F*ather's Day* u kien jixraq li t-tifel ikun ma missieru. Kemm dam ihababt binha l-appellant ma tafx.

L-appellant **Luke Sant Berry** xehed nhar l-24 ta' Ottubru, 2023 u kkonferma li dakinhar tas-17 ta' Gunju 2023 lejliet Father's Day martu Gail Berry baghtitlu messag u qaltlu li t tifel ma kienx ser imur mieghu ghax kien ma jiflahx u jghid li taghmilha ta' sikwit anke fil-Mothers'Day, insomma kull meta ma tkunx trid li binhom ma jmurx ghandu. Qal li huwa mar xorta u habbat mal-bieb ghal xi 20 minuta u dan ghaliex minkejja li kienu hemm hadd ma fetahlu. Spjega li kien qallha li kien sejjer xorta ghalih. Fis-siegha u l-hin marru tlett pulizija fuqu. Ikkonferma li huwa hababt bil-mod.

**<u>Ikkunsidrat</u>**.

Illi l-appellant huwa akkuzat bil-kontravenzjoni kif disposta fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali u cioe li volontarjament kiser il-paci publika b'ghajjat u storbju.

Illi sabiex dina l-akkuza tigi pprovata hemm grad ta' prova li trid tigi stabbilita hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Daniel Briffa</u>** [9]– fejn dik il-Qorti ghamlet referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Maria Concetta Green</u>**[10]' fejn intqal is-segwenti :

> *'L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjah 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati f'diversi sentenzi u gie ritenut illi, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontajru li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghamil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghamil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. L-iskambju ta' likem anke jekk ingurjuz jew minaccjuz fih innisfsu u minghajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-*

[9] **<u>Rikors</u>** nurmu 144/2009 (Magistrat Dr. Edwina Grima – 24/10/2012)
[10] Volum LXXXIII Part IV pagna 441

*argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghali, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali.'*

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi ghalkemm kien hemm xi tahbit mal-bieb tar-residenza tal-parte civile madanakollu ma jidhirx illi kien hemm il-breach of the peace kif trid il-ligi tant illi ma jidhirx illi f'dak il-hin kien hemm xi nies ohra fit-triq. Illi ksur ta' paci pubblika necessarjament jfisser skond kif gie deciz fis-sentenza moghtija fis-sbatax ta' Ottubru, 1997 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Pio Galea</u>** fejn jinghad li:

> *" Biex ikun hemm dawn il-kontravenzjonijiet irid ikun hemm, bhala regola, ghemil voluntarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil jsehh, inissel imqarr minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat,) dwar l-inkolumita ta' proprjeta, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil."*

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Pleadings**[11] jikkwota dak li qal L. J. Romar fil-kawza fl-ismijiet AG v PYA Quarters Limited u cioe:

> *"It is clear in my opinion that any nuisance is 'public' which materially affects the reasonable comfort and nuisance of life of a class of Her Majesty's subject."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal ktieb **The Criminal Law of Scotland** (pagna 985 - para. 4101) ta' **Gerald H. Gordon** kwotat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Rita Palmier</u>** deciza fit-tmienja w ghoxrin ta' Mejju, 1998 fejn hemm tifsira ta' x'jikkostitwixxi 'paci pubblika.'

> *"Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case... although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone. Such annoyance could amount*

[11] pagna 2549

> *to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance.*"

Illi ghalhekk minn ezami tax-xhieda prodotti minn imkien ma jirrizulta li kien hemm xi ksur ta' paci pubblika li kkawza xi nkwiet jew thassib f'mohh terzi persuni, stante li l-Prosekuzzjoni ma ressqet lil ebda persuna, apparti dawk involuti b'mod dirett fl-allegat incident u ghaldaqstant il-Qorti ma ssibx lil appellantt hati ta' din l-akkuza.

Ghalhekk din il-Qorti qed tilqa' l-appell intavolat mir-rikorrenti u thassar u tikkancella is-sentenza appellate b'dan illi qed tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**